Dame Pauline Green

F'isem il-Kumitat PLRC (The Premises and Legacy Review Committee)

15 ta' Ġunju, 2018

Għeżież Membri tal-Koperattivi

Bħalkom, ħdimt ħafna biex inkabbar, nippromwovi u nservi fi ħdan il-moviment tal-koperattivi li hu parti importanti ħafna f'ħajti. Nista' ngħid li hu ta' privileġġ kbir għalija li nara koperattivi jaħdmu tant li irnexxielhom ibiddlu ħajjet in-nies madwar id-dinja. Nemmen daqstant fil-moviment tal-koperattivi għaliex jagħraf jagħti lil kull individwu l-opportunita' li jagħti sehemu fid-dinja tax-xogħol filwaqt li jkabbar il-ħiliet tiegħu u jkebbes kunfidenza fih innifsu li sservi ta' pont bejn il-komunitajiet lokali u dawk mxerda madwar id-dinja li ngħixu fiha.

Sabiex nagħmlu dan kollu neħtieġu rispett reċiproku filwaqt li nibqgħu nħaddnu l-valuri u l-prinċipji li jsenslu koperattiva.

Bħal ma ħafna minnkom tafu, l-koperattivi f'Malta għaddejjin minn żmien frustranti u sensittiv – tant li l-moviment inqasam u spiċċa ma jaħdimx sew flimkien. Matul dawn l-aħħar ġimgħat, saru sforzi ta' titjib sabiex jinghalaq il-kapitlu ta' dawn iż-żmienijiet iebsa u biex terġa tinbena kultura innovattiva u spirtu ġdid li se jservi biex kemm il- koperattivi tradizzjonali kif ukoll 'il ko-operaturi individwali jiksbu aktar.

Sabiex jinżamm dan il-momentum u jintemm dan il-proċess, dan huwa ż-żmien li wieħed jixtarr sew dawk il-kwistjonijiet sensittivi li nħolqu matul dawn l-aħħar snin. Bħala eżempju, wieħed jista' jsemmi t-twemmin ta' xi uħud li xi kooperaturi jew xi organizazzjonijiet nazzjonali ma rċevewx l-appoġġ xieraq u l-għajnuna finanzjarja mis-Central Co-operative Fund (CCF).

Jiena ġejt maħtura biex immexxi kumitat ta' tliet persuni hekk kif mitlub mis-CCF innifsu biex nipprovaw nixtarru u naghtu tweġibiet għall-problemi preżenti.

Għaldaqstant qed nagħmlilkom stedina (lil kull organizazzjoni jew socjeta' fi ħdan koperattiva) sabiex tressqu l-ilmenti tagħkom fejn tahsbu li ghandkom dritt ghal rimedji legittimi. Dawn irid jaslu quddiem dan il-kumitat tal-PLRC sa mhux aktar tard mill-14 ta' Lulju 2018.

Kull talba se tiġi eżaminata bir-reqqa u kull deċiżjoni meħuda se tittieħed bl-aktar mod trasparenti possibli. Il-Membri kollha ta' dan il-kumitat huma kommessi li jixtarru t-talbiet sottomessi bl-aktar mod ġust.

Wasal iż-żmien li nimxu 'l quddiem u nittama li nkunu nistgħu nikkonkludu ħidmietna filwaqt li intom tkunu tistgħu tgawdu minn żmien ta' tkabbir u success.